MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 17/2014

**A B f'isimha proprio u f'isem bintha l-minuri K**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici pro et noe, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi fil-5 ta' Ottubru tas-sena 2008, l-attrici welldet tifla minuri bl-isem ta' K u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid li jgib in-

numru ta’ iskrizzjoni 3466/2008 hawn anness u markat Dok. A;

2. Illi mill-att tat-twelid tal-minuri jirrizulta illi meta l-attrici A B irregistrat lil bintha fir-Registru Pubbliku, hija rregistrat lil bintha fuq missier mhux maghruf u dan fuq insistenza ta’ l-istess konvenut li ma riedx jaf bit-tifla;
3. Illi l-attrici taf illi missier il-minuri K huwa l-konvenut C D;
4. Illi ghalkemm interpellat bosta drabi sabiex jirrikonoxxi lil bintu fosthom permezz ta’ ittra ufficjali tad-9 ta’ Dicembru tas-sena 2013, kopja ta’ liema qeghda tigi hawn annessa u immarkata bhala Dok B, huwa baqa’ inadempjenti;
5. Illi sa minn qabel ma twieldet il-minuri, l-attrici avvicinat lill-konvenut diversi drabi u dan sabiex ikun parti mill-hajja tal-istess, izda huwa qatt ma ried jaf;
6. Illi l-attrici tixtieq li tigi stabbilita l-paternita ta’ bintha wkoll permezz ta’ fatti bhal testijiet genetici;

Talbet ghar-ragunijiet premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni :

1. Tiddikjara illi l-konvenut C D huwa l-missier naturali tal-minuri K;
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelid tal-minuri K (Att numru 3466/2008) billi fil-kolonna intestata ‘isem u kunjom missier it-tarbja’, jigi jaqra C D; u tordna wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument ta’ l-identita’, ghall-eta’, ghall-post tat-twelid u ta’ residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu indikati konsegwentement billi jigu indikati dak il-partikolaritajiet u cioe’ taht il-kolonna ‘id-dokument ta’ l-identita’ jigi jaqra 476472 (M); taht il-kolonna ‘eta’ jigi jaqra 36; taht il-kolonna ‘twieled’ jigi jaqra Pieta; taht il-kolonna ‘joqghod’ jigi jaqra Haz-Zabbar; u taht il-kolonna ‘isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet’ jigi jaqra J D (haj);

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa ingunt minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li in forza taghha jeccepixxi :

1. Illi l-esponenti qed jikkontesta l-paternita' tal-minuri K B u ghalhekk kull talba li l-attrici rikorrenti taghmel li tikkoncerna lill-esponenti u kif dedotta ir-rikors guramentat fl-ismijiet hawn fuq premessi ghandha tigi michuda;
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-avukati difensuri jittrattaw il-kap tal-ispejjez;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attrici fejn qieghda tikkontendi li frott tar-relazzjoni li hija kellha mal-intimat C D, nhar il-5 ta' Ottubru 2008 twieldet il-minuri K izda c-certifikat tal-istess minuri jindika li

l-missier mhux maghruf[1]. Peress li l-istess intimat irrifjuta li jirrikonoxxi lill-imsemmi minuri bhala bintu, l-attrici resqet il-kawza odjerna sabiex il-Qorti tiddikjara li l-minuri hija fattwalment wild l-intimat u konsegwentement ic-certifikat rispettiv jibda jirrispekkja tali fatt.

Min-naha tieghu l-intimat jikkontesta l-paternita' tal-istess minuri u l-premessi fir-rikors promotur u konsegwentement jichad li l-istess minuri hija bintu naturali.

**<u>Il-Verzjoni Attrici</u>**

Permezz tal-affidavit taghha[2] l-attrici tghid li r-relazzjoni taghha mal-intimat bdiet fis-sena 2008 b'dan li fi zmien xahar kienet inqabdet tqila. Tghid li l-intimat mal-ewwel staqsiha jekk it-tarbija kienitx tieghu izda hi tghid li ma kellha relazzjonijiet ma' hadd aktar. Tghid li kien qalilha li jekk tittermina t-tqala kien ser ikompli maghha filwaqt li f'kaz li le, kien ser jitlaqha. L-attrici kkonfermat id-decizjoni taghha li zzomm it-tarbija u qata' kull kuntatt minn maghha ghalkemm saret taf li kellu wkoll tarbija minn terza persuna. Izzid tghid li meta twieldet it-tarbija, ghalkemm mar bil-magna tar-ritratti, xorta wahda rrifjuta li jirregistra l-istess tarbija fuqu ghalkemm beda jara lill-istess tifla darba fil-gimgha. Kien l-intimat stess li kien il-parrinu tal-istess minuri. Tul is-snin, baqa' jara lil bintu anke sahansitra meta kien qieghed jaghmel program ghar-riabilitazzjoni mid-droga pero' minkejja dan kollu baqa' dejjem jirrifjuta li jirrikonoxxiha bhala bintu.

Tghid li f'dawn l-ahhar sentejn il-kuntatt mat-tifla ma baqax l-istess u b'mod regolari. Kellha tibghat ittra ufficcjali biex jirrikonoxxi lil bintu izda l-intimat ghazel li ma jwegibx u ghalhekk kellha tinfetah din il-kawza.

[1] Ara c-certifikat tat-twelid esebit a fol 4 tal-process
[2] Esebit a fol 20 tal-process

Taghlaq l-affidavit taghha billi tghid li hija certa li l-minuri hija bint l-intimat.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Il-Qorti f’dan l-istadju taghmel referenza ghall-fatt li f’din il-kawza, d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma giex kjamat fil-kawza jew kien parti mill-istess. Jigi rilevat li f’kaz li t-talba attrici tigi milqugha, allura d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun obbligat li jikkoregi u jemenda c-certifikat tat-twelid tal-minuri skond l-istess sentenza minghajr ma jkun involut direttament fl-istess kawza. Issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Dolores Bartolo vs Simon Bartolo** deciza nhar it-22 ta’ Frar 2012 fejn din il-Qorti hekk kif diversament preseduta accettat u laqghat it-talbiet attrici ghal bdil fic-certifikat tat-twelid minghajr ma gie kjamat in kawza jew imsejjah id-Direttur tar-Registru Pubbliku. L-istess haga jista’ jinghad ghall-kawza fl-ismijiet **Adelaide Attard vs J Attard** deciza nhar it-8 ta’ Mejju 2012 fejn ghal darb’ohra, f’kawza ta’ paternita’, id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma giex kjamat fil-kawza u ma giex imharrek sabiex jirrispondi ghall-istess. Il-Qorti tirrileva li huwa minnu li hija prassi li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi mharrek f’kawzi ta’ paternita’ pero’ mill-qari tal-ligi jidher li dan mhux necessarju. Ghalhekk, il-kawza odjerna tista’ tibqa’ ghaddejja b’dan illi meta jkun hemm sentenza li tkun ghaddiet *in judicat* issir l-annotazzjoni necessarja sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat relattiv b’mod formali.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-partijiet issottomettew ruhhom ghat-testijiet genetici li huma meqjusa bhala l-prova regina f’kawzi ta’ din in-natura. Mill-istess testijiet irrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri hija l-wild tal-intimat. Tenut kont ta’ din il-konferma xjentifika, il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li hemm lok li jkun hemm korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri K biex b’hekk il-missier naturali taghha jkun jidher li huwa C J D minflok missier mhux maghruf.

Illi dwar il-kap tal-ispejjez, l-attrici ippruvat illi kienet anke pprezentat ittra ufficjali sabiex il-konvenut jirrikonoxxi lill-bintu izda hu ma riedx, inoltre kkontesta din il-kawza u kellhom issiru ukoll l-ezamijiet xjentifici tad-DNA.  Ghalhekk il-Qorti tara illi l-attrici m'ghaniex tbaghti l-ispejjez ta' din il-kawza;

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimat C D huwa l-missier naturali tal-minuri K;
(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tal-minuri K (Att numru 3466/2008) billi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tarbija' jigi jaqra C D li ghandu karta tal-identita' 476472M, taht il-kolonna eta' jigi jaqra 36, taht il-kolonna 'twieled' jigi jaqra Pieta', taht il-kolonna 'joqghod' jigi jaqra 'Haz-Zabbar' u taht il-kolonna 'isem u kujom il-missier u jekk hux haj jew mejjet' jigi jaqra J D (haj). Kunjom il-minuri ghandu jkun dak ta' 'D'.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------